MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1736/1998/1

**SOAP AND SPONGE COMPANY LIMITED**

**vs**

**SMT DEVELOPERS COMPANY LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-ċitazzjoni mressaq fis-26 ta' Awissu, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija attriċi ritrattanda talbet it-tħassir ta' sentenza mogħtija kontra tagħha fil-kawża fl-ismijiet "SMT Developers Limited vs Soap and Sponge Limited" (Ċitazz. Nru. 1632/97FDP) fit-8 ta' Lulju, 1998, u li l-imsemmija kawża terġa' tinstema' mill-ġdid, u dan għaliex is-soċjeta' attriċi ritrattanda tisħaq li hija ma kenitx ġiet notifikata kif imiss bl-atti ta' dik il-kawża, u kienet saret taf bis-sentenza mogħtija kontriha biss xi ġimgħat wara li ngħatat;

Rat in-Nota mressqa fil-15 ta’ Frar, 1999, li biha l-kumpannija mħarrka ritrattata laqgħet għall-azzjoni attriċi billi eċċepiet li l-kumpannija attriċi kienet ġiet notifikata kif imiss bl-att tal-kawża u għalhekk it-talba tagħha biex il-kawża terġa’ tinstama’ mill-ġdid m’għandhiex tintlaqa’;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-24 ta’ Mejju, 1999[1], li bih u fuq talba tal-kumpannija attriċi, ordnat li l-atti tal-kawża Numru 1632/97FDP jiġu mehmuża mal-atti ta’ din il-kawża;

Rat in-Nota mressqa fl-24 ta’ Novembru, 1999, b’kopja tal-imsemmija atti[2];

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-4 ta’ Marzu, 2003, li bih il-partijiet għarrfu lill-Qorti li kienu qegħdin jippruvaw jaslu f’arranġament bejniethom barra l-Qorti;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta’ Marzu, 2004, li bih ħalliet il-kawża *sine die* minħabba li baqa’ ma ngħata l-ebda tagħrif dwar it-trattativi bejn il-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta’ Ġunju, 2004[3], li bih u fuq talba magħmula mill-kumpannija attriċi b’rikors tagħha tat-2 ta’ Ġunju, 2004, reġgħet qegħdet il-kawża fuq il-listi tas-smigħ;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta’ Jannar, 2005, li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-provi tal-kumpannija attriċi ritrattanda;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta’ April, 2005, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

---

[1] Paġ. 32 tal-proċess
[2] Paġġ. 35 sa 48 tal-proċess
[3] Paġ. 113 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' ritrattazzjoni ta' kawża taħt l-artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-kumpannija attriċi tgħid li hija ma kienet ġiet notifikata qatt bl-atti ta' kawża ta' spoll li l-kumpannija mħarrka ritrattata kienet fetħet kontriha f'Lulju tal-1997, u li ngħatat sentenza fiha fit-8 ta' Lulju, 1998. Il-kumpannija attriċi tgħid li saret taf biss li kienet saret il-kawża meta f'Awissu tal-1998 irċeviet ittra mingħand l-avukat tal-kumpannija mħarrka li semmielha s-sentenza;

Illi l-kumpannija mħarrka ritrattata twarrab l-ilment tal-kumpannija ritrattanda. Tisħaq li l-atti tal-kawża kienu notifikati kif titlob il-liġi u l-ħtija ta' dak li ġara kien kollu minħabba t-traskuraġni tal-kumpannija l-oħra;

Illi l-<u>fatti ewlenin li jsawru l-każ</u> jistgħu jinġabru fil-qosor ħafna. Il-kumpanniji partijiet f'din il-kawża għandhom bini biswit xulxin fi Triq il-Mosta, Ħal Lija. Bejniethom kien hemm kwestjonijiet dwar it-trejqiet ta' bejniethom u l-*culverts* għall-ilqugħ tal-ilma. F'Lulju tal-1997, il-kumpannija ritrattata kienet fetħet kawża ta' spoll kontra l-kumpannija attriċi minħabba ħajt li din kienet bniet (Kawża Numru 1632/97FDP). F'Settembru tal-1997, il-kumpannija ritrattata kienet rikors għas-smigħ tal-kawża b'urġenza fl-atti ta' dik il-kawża. Il-Qorti kienet ordnat in-notifika lill-kumpannija ritrattanda. Impjegat tal-kumpannija laqa' n-notifika tar-rikors fid-9 ta' Ottubru, 1997[4];

Illi l-kumpannija ritrattanda ma ressqitx tweġiba għat-talba magħmula fir-rikors u l-Qorti kienet iddekretat l-istess rikors fil-15 ta' Ottubru, 1997, billi ċaħdet it-talba għas-smigħ tal-kawża b'urġenza, imma qegħdet il-kawża għas-smigħ għat-3 ta' Diċembru, 1997. Dak inhar inħareġ Avviż tas-Smigħ tal-kawża li jidher li ġie notifikat lill-kumpannija ritrattanda fl-uffiċċju tagħha ta' Triq il-Mosta Ħal Lija, fil-21 ta' Ottubru, 1997. Madankollu, il-kumpannija ritrattanda la ressqet Nota tal-Eċċezzjonijiet u

---

[4] Dok f'paġ. 38 tal-proċess

lanqas dehret il-Qorti f'Diċembru, 1997. Is-sentenza ngħatat fit-8 ta' Lulju, 1998[5]. L-avukat tal-kumpannija ritrattata kiteb lill-kumpannija attriċi fis-6 ta' Awissu, 1998, biex jitlobha twettaq dak li kien ġie ordnat bl-imsemmija sentenza. Din il-kawża nfetħet fis-26 ta' Awissu, 1998;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali li jirrigwardaw il-każ jibda biex jingħad li huwa magħruf u aċċettat li l-proċedura tar-ritrattazzjoni għandha żewġ għanijiet: fl-ewwel post, dik li tħassar għal kollox u mhux biss parzjalment[6] sentenza li tkun saret ġudikat bejn il-partijiet u dan għal xi waħda mir-raġunijiet speċifiċi u tassattivi msemmija mil-liġi[7]; u, fit-tieni post, dik li terġa' tinstama' l-kawża li s-sentenza tagħha tkun tħassret u li tingħata sentenza oħra mill-ġdid. Qabel ma l-Qorti tkun soddisfatta li sabet raġuni tajba biex tħassar is-sentenza ewlenija, m'għandhiex, bħala regola, tidħol biex tqis il-mertu tal-kwestjoni maqtugħa bis-sentenza li tagħha jintalab it-tħassir[8];

Illi ingħad għadd ta' drabi li l-ħtiġijiet proċedurali f'każijiet ta' smigħ mill-ġdid għandhom jiġu mfissra b'mod dejjaq u litterali[9], sewwasew minħabba n-natura eċċezzjonali ta' dan l-istitut. Il-prinċipju ewlieni li jmexxi l-istitut tas-smigħ mill-ġdid ta' kawża huwa dak li, kemm jista' jkun, sentenza li tkun ingħatat u għaddiet in ġudikat m'għandhiex titwaqqa' b'ħeffa, imma biss għal raġunijiet serji u gravi li jkunu tali li l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ tal-imsemmija sentenza jkunu jmorru kontra s-sens ta' ħaqq u ta' ordni pubbliku. Bħalma l-ordni pubbliku jippretendi ċ-ċertezza tad-determinazzjoni tad-drittijiet kontestati fis-sura ta' sentenza li għaddiet in ġudikat, daqstant ieħor l-ordni pubbliku jrid li l-ebda sentenza li tkun milquta minn xi wieħed mid-difetti msemmija mil-liġi m'għandha titħalla sservi ta' paraventu għall-ħaqq;

[5] Dok "Ħ", f'paġġ. 21-3 tal-proċess
[6] App. Ċiv. **5.6.1985** fil-kawża fl-ismijiet ***Kontrollur tad-Dwana vs Michael Żammit et***
[7] App. Ċiv. **7.12.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Wismayer vs Wismayer et*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.795**)
[8] Kumm. **16.12.1915** fil-kawża fl-ismijiet ***Harrison noe vs Żammit noe*** (Kollez. Vol: **XXII.iii.235**)
[9] Ara, per eżempju, Kumm. 11.10.1955 fil-kawża fl-ismijiet *Ċiappara vs Żammit* (Kollez. Vol: XXXIX.iii.894)

Illi, b'żieda ma' dan kollu li ssemma dwar in-natura eċċezzjonali tal-proċedura tar-ritrattazzjoni, irid jingħad ukoll li l-prova tar-raġuni li għaliha parti titlob li kawża tiġi mismugħa mill-ġdid trid issir minn dik l-istess parti u trid issir b'mod li jwassal lill-Qorti li tqis li t-talba hija mistħoqqa[10]. Il-parti ritrattata m'għandha għalfejn tipprova xejn, speċjalment meta r-raġuni li ssejjes it-talba għas-smigħ mill-ġdid ma titnissilx minn għamil tal-parti ritrattata, bħal f'dan il-każ;

Illi billi s-sentenza li dwarha infetħet din il-proċedura kienet mogħtija minn din il-Qorti bħala qorti tal-ewwel grad, l-azzjoni tal-attur tinbena fuq l-artikolu 812 tal-Kap 12, kif japplika miegħu l-artikolu 811(b). Skond il-liġi, din l-azzjoni trid issir fi żmien tliet (3) xhur minn dak inhar li l-attur isir jaf bis-sentenza li tkun ingħatat kontrih fil-proċeduri l-oħrajn fejn kien imħarrek[11]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, m'hemm l-ebda dubju li dan ir-rekwiżit ġie mħares għaliex il-kawża nbdiet anqas minn xahrejn wara li ngħatat is-sentenza impunjata;

Illi, fil-"mertu", l-aggravju tal-kumpannija attriċi ritrattanda jirrigwarda n-notifika li tgħid li baqgħet ma saritilhiexu fl-atti tal-kawża li s-sentenza tagħha hija qegħda issa tattakka. Hija tgħid li qatt ma laqgħet kopja tal-Att taċ-Ċitazzjoni u li fl-Avviż tas-Smigħ kien hemm riferenza għal "Rikors Numru 1632/97FDP" u mhux għal "Ċitazzjoni Numru 1632/97FDP";

Illi f'dan il-każ ix-xhieda mressqa kienet fis-sura ta' dokumenti mill-atti tal-kawża oriġinali u xhieda bl-affidavit. F'dan l-istadju l-Qorti jkollha tosserva li x-xhieda bl-affidavit ta' Edgar Camilleri[12] lanqas tiswa għaliex m'hijiex maħlufa kif trid il-liġi. Mill-bqija, il-qofol tal-provi huma stqarrijiet dwar x'kien jiġri min-notifiki li jsiru lill-kumpannija attriċi ritrattanda fl-istabiliment tagħha ta' Ħal Lija;

Illi, fid-determinazzjoni tal-kwestjoni mqanqla mill-kumpannija attriċi, l-Qorti qegħda żżomm quddiem

---

[10] Ara, per eżempju, Kumm. **27.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina vs Ċiantar noe*** (Kollez. Vol: **LXXVI.iv.666**)
[11] Art 818(1)(b) tal-kap 12
[12] F'paġġ. 52-4 tal-proċess

għajnejha wkoll li l-kawżali nfisha tagħmel rikjam għall-applikazzjoni tal-prinċipju ewlieni tal-ħaqq naturali dwar is-smigħ xieraq. Il-kumpannija attriċi tgħid li kien minħabba li ma saritx notifika lilha kif imiss tal-atti tal-kawża li hija naqset milli tidher fl-ewwel proċedura u li tikkontesta l-kawża u li wasslet biex bis-sentenza li ngħatat kienet ikkundannata tneħħi l-ħajt li bniet;

Illi l-Qorti tifhem li l-proċedura mfissra fl-artikolu 187 tal-Kodiċi tal-Proċedura għandha tiġi segwita b'reqqa u n-nuqqas ta' ħarsien tagħha jġib konsegwenzi radikali għas-siwi ta' kulma jkun sar bi ksur tagħha[13];

Illi, madankollu, il-bażi tal-azzjoni attriċi hija xilja ta' nuqqas proċedurali li swielha preġudizzju fid-difiża tal-jeddijiet tagħha: fil-fatt hija xilja li dak li juru l-atti tal-kawża li tagħha qiegħed issa hija qegħda titlob is-smigħ mill-ġdid m'huwiex minnu. Dan ifisser li l-prova li jmissha tinġieb biex ixxejjen dak li jidher bħala fatt f'att ġudizzjarju għandha tkun prova qawwija u mhux sempliċi konġettura jew suppożizzjoni li tixħet dubju. Il-gravita' tal-implikazzjoni ta' dak li qegħda tallega l-kumpannija attriċi kienet, x'aktarx, tinħtieġ it-teħid minnha ta' proċedura speċifika maħsuba biex issir dikjarazzjoni li r-riferta ma turix dak li fil-fatt seħħ. Dan jingħad għaliex sakemm riferta ta' uffiċjal tal-Qorti ma tidhirx b'mod ċar li hija milquta b'xi żball, għandha titqies li hija xhieda ta' dak li tgħid u li din il-preżunzjoni hija *juris et de jure*;

Illi l-proċedura ta' notifika ta' atti ġudizzjarji ta' korp li jkollu personalita' ġuridika distinta hija mfissra fl-artikolu 187(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. F'dak il-każ, biex notifika jitqies li saret sewwa, jeħtieġ jintwera li **jew** (a) tħalliet kopja tal-att fl-uffiċċju reġistrat, fl-uffiċċju ewlieni, jew fil-post tan-negozju jew fl-indirizz postali, **f'idejn** persuna li jkollha r-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp, jew segretarju tal-kumpannija, jew persuna oħra awtorizzata bil-miktub; **jew** (b) f'idejn xiħadd mill-imsemmija persuni, imma billi titħalla **f'idejn** membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' persuna bħal dik jew ta'

[13] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Tonna vs Holland & Hallett Ltd.***

prokuratur tagħha, jew f'idejn persuna awtorizzata minn persuna bħal dik biex tirċievi l-posta tagħha, fil-post fejn dik il-persuna tkun toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha;

Illi l-kawżali li fuqha l-kumpannija attriċi ritrattanda tibni l-azzjoni tagħha xejn ma tikkonvinċi. Fl-ewwel lok, jirriżulta mill-atti li, f'medda ta' ftit ġimgħat matul l-istess xahar, atti ġudizzjarji marbuta mal-kawża oriġinali tħallew fi stabiliment li minnu l-kumpannija attriċi tmexxi n-negozju tagħha. Jirriżulta wkoll li dawn l-atti ntlaqgħu minn persuna li hija impjegata tal-istess kumpannija. Minbarra dan, tali atti kienu tħallew fi żmien xieraq qabel il-jum li fih kellha tissejjaħ il-kawża b'mod li xi ħadd mill-kumpannija kellu ż-żmien kollu xieraq biex jirregola ruħu dwar x'messu sar. Fir-raba' lok, l-impjegat li laqa' l-atti iddikjara li "lanqas jiena kapaċi niddistingwi bejn dokument jew ieħor, fis-sens jekk hux ċitazzjoni jew rikors"[14]. Min-naħa tiegħu, Edgar Camilleri xehed (fil-kontro-eżami) li hu qatt ma ngħata d-dokumenti notifikati minn Xuereb. Minħabba f'hekk, tonqos il-prova konkreta tax-xilja ewlenija tal-kumpannija attriċi ritrattanda fis-sens li mal-atti li waslu ma kienx hemm kopja tal-Att taċ-Ċitazzjoni;

Illi, b'żieda ma' dan kollu, mbagħad, jingħad li wkoll kieku l-Avviż tas-Smigħ tal-Kawża kien jirreferi għal "RIK. Nru. 1632/97" minflok "ĊITAZZ. Nru. 1632/97" b'daqshekk biss żgur ma jistax jingħad li n-notifika kienet nulla. Dak li kien l-aktar siewi f'dak l-avviż kienet id-data u l-ħin meta l-każ kien sejjer jistema' u t-twissija ċara li dak l-avviż kien qiegħed jintbagħat biex min jirċevih jagħraf jimxi. Jekk min irċevih ma ħax passi fil-ħin, ma jistax jilmenta li n-notifika ma saritx. Kemm hu hekk, mix-xhieda ħarġu fatti li juru li ma kienx hemm sistema tajjeb ta' kif l-atti notifikati jitwasslu u jiġu segwiti b'għaqal minn min kellu r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-kumpannija. Fil-fatt, jirriżulta li l-impjegat li laqa' għandu l-atti kien iniżżel sal-Mosta l-korrispondenza li tasal fl-istabiliment ta' Ħal Lija qisu darba kull xahar[15]. Minbarra dan, id-direttur tal-kumpannija Edgar Camilleri stqarr li huwa ma kienx

[14] Affidavit ta' Emanuel Xuereb 23.11.2000, f'paġ. 62 tal-proċess
[15] *Ibid.*, f'paġ. 63 tal-proċess

jinvolvi ruħu fil-mod kif l-impjegati kienu jgħaddulu l-korrispondenza li tasallu[16]. Dawn huma provi li jimmilitaw ħafna kontra l-bażi fattwali li fuqha l-kumpannija attriċi trid tibni l-każ tagħha;

Illi, minħabba f'hekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-kawżali li dwarha l-kumpannija attriċi ritrattanda qegħda titlob it-tħassir tas-sentenza ma tinsabx pruvata u l-ilment tagħha minnha mhux mistħoqq;

Illi, madankollu, ukoll kieku l-ilment *in rescindente* kien jirriżulta wieħed mistħoqq u l-Qorti kienet trid tgħaddi biex tqis it-talba *in rescissorio*, kien jonqos tassew li l-azzjoni tintlaqa'. Dan jingħad għaliex waqt is-smigħ ta' din il-kawża, irriżulta li l-ħajt li nbena mill-kumpannija attriċi kien inħatt fuq ordni tal-Awtorita' tal-Ippjanar u kull tentativ ġudizzjarju li l-kumpannija attriċi ippruvat kontra dak l-ordni ġie miċħud b'sentenzi mogħtijin mill-Qorti tal-Appell[17]. B'dan il-mod, l-oġġett innifsu tal-kawża possessorja oriġinali (kieku kellha terġa' tinstama') kien ikun għal kollox nieqes u l-proċess innifsu jkun eżawrit. Dan kien, wara kollox, l-għan li għalih, għal `ertu tul ta' żmien, din il-kawża kienet qegħda titħalla minn data għal oħra għaċ-ċessjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi ma ntweriex li kien hemm tassew nuqqas ta' notifika tal-atti tal-kawża li s-sentenza tagħha qiegħed jintalab it-tħassir tagħha;

U billi t-talbiet l-oħrajn jintrabtu ma' u jiddependu fuq l-ewwel talba, **tastjeni milli tqis it-tieni u t-tielet talbiet attriċi**, bl-ispejjeż kontra l-kumpannija attriċi ritrattanda.

**Moqrija**

[16] Xhieda ta' Edgar Camilleri 6.5.2002, f'paġ. 102 tal-proċess
[17] Ara d-Dok "SV1" sa "SV3", f'paġġ. 73 sa 94 tal-proċess

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------